## Il-Ħadd, 27 ta' Settembru 2020

Ġesù qal lill-qassisin il-kbar
u lix-xjuħ tal-poplu:
"Intom x'jidhrilkom?
Kien hemm raġel
li kellu żewġ ulied.
Resaq fuq il-kbir u qallu:
'Ibni, illum mur aħdem
l-għalqa tad-dwieli.'
U dak qallu: 'Ma rridx.'
Iżda mbagħad
biddel il-fehma u mar.
Resaq fuq l-ieħor u qallu l-istess.
'Arani sejjer, sidi,' qallu dan,
u ma mar xejn.
Min minnhom it-tnejn
għamel kif ried il-missier?"
"L-ewwel wieħed", weġbuh.

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 21, versi 28-31a***

# 215

"Bil-predikazzjoni tiegħu
dwar is-Saltna ta' Alla,
Ġesù jeħodha kontra dik
ir-reliġjożità li ma ddaħħalx fiha
l-ħajja tal-bniedem,
li ma ċċaqlaqx il-kuxjenza
u r-responsabbiltà li din għandha
quddiem it-tajjeb u l-ħażin.
Dan jurih ukoll bil-parabbola
taż-żewġ ulied ... L-ubbidjenza
ma tikkonsistix f'li tgħid 'iva' jew
'le', imma tikkonsisti f'li tagħmel
xi ħaġa, f'li tieħu ħsieb l-għalqa
tad-dwieli, f'li twettaq is-Saltna
ta' Alla, f'li tagħmel it-tajjeb."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 27 Settembru 2020

*X' qed nagħmel*
*bħalissa*
*b'risq*
*is-Saltna ta' Alla?*

*Hemm xi ħaġa*
*li qed ittellifni*
*mill-entużjażmu*
*għaliha?*

# Li ttella' fil-wiċċ

Inti mhux paroli tistenna mingħandna,
Mulej,
imma fatti,
fatti li bihom nuru
li tabilħaqq qed nagħtu s-sehem tagħna
biex is-Saltna ta' Alla Missierek
- Saltna ta' mħabba u ta' kulma hu tajjeb -
tkun tista' timxi 'l quddiem:
biex iktar nies jagħrfuha;
biex iktar nies iħaddnuha;
biex iktar nies jgħixu fiha.
Għinna nagħrfu din ir-responsabbiltà sabiħa
li aħna għandna.
Għinna ngħixuha b'ferħ u b'entużjażmu.
Ħa tkun ħajjitna
li ttella' dejjem fil-wiċċ lil din is-Saltna.

## It-Tnejn, 28 ta' Settembru 2020

Qamet kwistjoni bejn id-dixxipli dwar min kien l-akbar fosthom. Ġesù għaraf x'kellhom f'moħħhom, u ressaq tifel żgħir lejh, qiegħdu maġenbu, u qalilhom:
"Min jilqa' lil dan it-tifel żgħir minħabba f'ismi, ikun jilqa' lili; u min jilqa' lili, ikun jilqa' lil dak li bagħatni. Għax min hu l-iżgħar fostkom ilkoll, dak hu l-kbir."
Qabeż Ġwanni u qallu: "Mgħallem, rajna wieħed ikeċċi x-xjaten f'ismek, u ridna nżommuh, għax hu mhuwiex wieħed minn tagħna."
Imma Ġesù qallu: "La żżommuhx, għax min mhuwiex kontra tagħkom, huwa magħkom."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 9, versi 46-50***

# 216

"Il-mondanità spiritwali twassal lil xi nsara biex jidħlu fi gwerra ma' nsara oħra li qed ixekkluhom fil-ġirja tagħhom għall-poter, għall-prestiġju, għall-pjaċir jew għas-sigurtà ekonomika. Barra dan, xi wħud ma jibqgħux fil-Knisja biex imbagħad joqogħdu jxewxu spirtu ta' kontroversja. Flok iħossuhom parti mill-Knisja sħiħa, bil-varjetà għanja li għandha fi ħdanha, iħossuhom ta' dan il-grupp jew tal-ieħor li jħossu differenti u speċjali."

PAPA FRANĠISKU, Eżortazzjoni Appostolika, *Evangelii Gaudium,* nru 98, 24 Novembru 2013

*Jien*
*ħsiebni dejjem*
*biex nispikka*
*fuq l-oħrajn?*

*Dak li jgħodd*
*quddiem Alla*
*huwa*
*importanti*
*għalija?*

# Il-ġirja t-tajba

Jekk hemm ġirja, Mulej,
li aħna rridu nagħmlu
bħala dixxipli tiegħek
hija l-ġirja lejK,
lejn dak li Int,
lejn dak li Inti tfittex,
lejn dak li Inti tħobb,
lejn l-Ispirtu tiegħek,
lejn dak li Inti tagħmel
b'fedeltà lejn Alla l-Missier
u għall-glorja Tiegħu.
Tħalli ebda ġirja oħra tidħol
fil-ħajja personali tagħna,
fil-gruppi reliġjużi tagħna,
fil-komunitajiet insara tagħna,
fil-Knisja tagħna.

## It-Tlieta, 29 ta' Settembru 2020

Meta qorob għalih iż-żmien
li fih kellu jittieħed mid-dinja,
Ġesù b'rieda sħiħa
dar u telaq lejn Ġerusalemm.
U bagħat xi messaġġiera qablu
li, huma u sejrin,
daħlu f'raħal tas-Samarija
biex iħejjulu fejn joqgħod.
Iżda hemmhekk ma laqgħuhx,
billi hu kien sejjer Ġerusalemm.
Meta raw dan,
id-dixxipli Ġakbu u Ġwanni qalulu:
"Mulej, tridx ngħidu lin-nar
jinżel mis-sema u jeqridhom?"
Iżda hu dar fuqhom
u ċanfarhom.
U marru f'raħal ieħor.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 9, versi 51-56***

**217**

"Huwa u jgħix il-missjoni
afdata lilu mill-Missier,
Ġesù jaf tajjeb li jrid iħabbat wiċċu
mal-għeja, mar-rifjut,
mal-persekuzzjoni u mat-telfiet:
dan huwa l-prezz
li llum bħall-bieraħ hi msejħa
biex tħallas il-profezija awtentika.
Ir-rifjut iebes, imma lil Ġesù
dan ma jaqtagħlux qalbu,
u lanqas ma jxekkel il-mixja
u l-fekondità tal-azzjoni profetika
tiegħu. Hu jibqa' għaddej għal
għonq triqtu bil-fiduċja li għandu
fl-imħabba tal-Missier."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 3 Frar 2019

*Kif inħares*
*lejn il-fallimenti?*

*Nagħmel*
*minnhom*
*okkażjoni*
*ta' tgergir biss,*
*ta' qtigħ il-qalb*
*biss?*

# Biex tibqa' għaddej

Is-suċċess ma jagħmilx bik, Mulej:
in-nuqqas tiegħu
lilek ma jnaqqaslek xejn
mill-ħeġġa għal dak li hu ta' Missierek;
bl-ebda mod ma jnaffrek
milli tkompli għaddej għal għonq it-triq li jurik Hu;
ma joħloqlok l-ebda ħsieb
biex timmodera r-radikalità
li biha Inti titkellem u taġixxi.
U s-sigriet għal dan kollu jinsab
fil-fiduċja għamja li Inti għandek fil-Missier
u fl-imħabba Tiegħu.
Kemm jonqosna, Mulej, biex inkunu bħalek,
aħna li l-iċken falliment
f'dak li għandu x'jaqsam miegħek jistrumblana!
Agħtina l-qawwa u l-motivazzjoni tiegħek.

## L-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2020

Lil wieħed Ġesù qallu:
"Imxi warajja."
Iżda dak wieġbu:
"Ħallini l-ewwel
immur nidfen lil missieri."
Iżda hu wieġbu:
"Ħalli l-mejtin
jidfnu l-mejtin tagħhom;
iżda int mur
u xandar is-Saltna ta' Alla."
U ieħor ukoll qallu:
"Jien niġi, Mulej, warajk,
imma l-ewwel
ħallini nsellem lil tad-dar."
Qallu Ġesù: "Min iqiegħed idu
fuq il-moħriet u jħares lura
mhuwiex tajjeb għas-Saltna ta' Alla."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 9, versi 59-62***

# 218

"Biex ix-xhieda tagħna ta' Ġesù
tkun waħda vera
hemm kundizzjoni waħda:
trid tkun mingħajr kundizzjonijiet.
Iż-żewġt irġiel tal-Vanġelu
riedu jmorru wara l-Mulej,
imma jagħmlulu kundizzjoni ...
Il-Mulej iwaqqafhom:
'Le', jgħidilhom!
Ix-xhieda trid tkun
mingħajr kundizzjonijiet;
trid tkun soda, deċiża;
irid ikollha l-lingwaġġ tant qawwi
li jgħidilna bih Ġesù:
'Iva, iva; le, le.'"

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 30 Ġunju 2014

*Jien dejjem nara*
*kif nillapazza*
*fil-mixja tiegħi*
*wara Kristu?*

*X'inhu li jtellifni*
*milli*
*nimxi warajH*
*bir-radikalità*
*li Huwa jitlob?*

# M'hemmx logħob!

Għalik, Mulej,
m'hemm xejn x'jiġġustifika lil dak li jkun
f'li jipposponi mqar għal ftit il-mixja tiegħu warajk.
F'għajnejk
hija mixja li jeħtieġ li tiġi dejjem hi l-ewwel;
hija mixja
li m'hemm xejn iżjed urġenti minnha;
hija mixja li quddiemha ma joqgħod xejn;
hija mixja li magħha m'hemmx logħob!
Ħallini nagħraf
is-serjetà tad-deċiżjoni li nimxi warajk,
tar-radikalità
li titlob minni deċiżjoni bħal din,
mhux biex naqta' qalbi,
imma biex bl-għajnuna tiegħek
nidħol għaliha bir-ras.

## Il-Ħamis, 1 ta' Ottubru 2020

Il-Mulej għażel
tnejn u sebgħin oħra u bagħathom
tnejn tnejn qablu f'kull belt u post
fejn kien se jmur hu.
U qalilhom: "Il-ħsad huwa kbir,
imma l-ħaddiema ftit. Itolbu mela
lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema
għall-ħsad tiegħu. Morru! Araw,
qiegħed nibgħatkom bħal ħrief
qalb l-ilpup. Teħdux magħkom
la but, la ħorġa u lanqas qrieq,
u fit-triq issellmu lil ħadd.
Fid-dar fejn tidħlu, l-ewwel għidu:
"Is-sliem lil din id-dar!" U jekk fiha
jkun hemm min iħobb is-sliem,
jistrieħ is-sliem tagħkom fuqu; jekk
le, it-tislima tagħkom terġa' lura."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 10, versi 1-6***

# 219

"L-ordnijiet li Ġesù jagħti
lil dawk li jibgħat qablu
juru li l-missjoni tistrieħ fuq it-talb;
li hija missjoni itineranti:
mhix wieqfa, imma timxi;
li titlob distakk u faqar;
li magħha ġġorr il-paċi u l-fejqan,
sinjali li s-Saltna t'Alla hi fil-qrib;
dan mhux prożelitiżmu
iżda tħabbir u xhieda;
u jitlob ukoll l-onestà u
l-libertà evanġelika li titlaq u timxi
biex turi r-responsabbiltà
li ġġorr magħha ċ-ċaħda li jitlob
il-messaġġ tas-salvazzjoni, imma
mingħajr kundanna u saħta."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 7 Lulju 2019

# L-arma tal-mibgħut

*Kif ngħixha*
*s-sejħa*
*li jiena għandi*
*bħala ħaddiem*
*fil-ħsad kbir*
*ta' Alla?*

*Biex infittex*
*li nkun armat*
*għaliha?*

Fejn jidħol it-tisħib tagħna fil-missjoni tiegħek,
ma tistax tkun iktar ċar minn hekk, Mulej:
dik li Inti tridna nkunu armati biha
hija l-komunikazzjoni kontinwa miegħek
bit-talb,
li mbagħad tissarraf
f'xhieda sabiħa ta' libertà evanġelika.
Tħalliniex noqogħdulek fin-nofs
billi nfittxu li nkunu armati biss bina nfusna,
b'dak li hu tagħna,
bil-kapaċitajiet tagħna,
bil-kreattività li jista' jkollna.
Ħa nagħmlu minn dawn
strumenti sbieħ f'idejk
ħalli kull bniedem jasal
biex bil-fatti jgħid 'Iva' għas-sliem tiegħek.

## Il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2020

Ġesù qal:
"Ħażin għalik, Korożajn!
Ħażin għalik, Betsajda!
Għax kieku l-mirakli
li saru fikom
saru f'Tir u Sidon,
kieku ilhom li nidmu
u libsu l-ixkejjer
u qagħdu fuq ir-rmied.
Imma l-ġudizzju
għad ikun eħfef
għal Tir u Sidon
milli għalikom.
U int, Kafarnahum,
taħseb li se togħla sas-sema?
Sa ġol-qiegħ
għad tinxteħet!"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 10, versi 13-16***

# 220

"Inqiegħdu lilna nfusna minflok
l-abitanti ta' dawk it-tlett ibliet,
Jien li rċevejt tant mingħand
il-Mulej, twelidt f'soċjetà nisranija,
sirt naf lil Kristu, għaraft
is-salvazzjoni, kont edukat fil-fidi,
u lil Ġesù kważi ninsieh. Imbagħad
issib nies oħra li, malli jisimgħu
leħen Ġesù, jikkonvertu u jimxu
warajH. U aħna nidrawH! U dan
jagħmlilna d-deni għax il-Vanġelu
nirriduċuh għal fatt soċjali,
u ma nqisuhx bħala relazzjoni
personali ma' Ġesù ... Ġesù jibki
fuqna meta l-ħajja nisranija
tagħna nagħmluha formalità."

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni,* 5 Ottubru 2018

*X'hemm f'ħajti*
*li minħabba fiha*
*Alla qed jibki?*

*X'nista' nagħmel*
*biex nikkoreġi*
*lili nnifsi*
*u nagħmel*
*pass 'il quddiem*
*lejH?*

# Meta Alla jibki

Alla tiegħek, Mulej, jibki fuqna
kull meta nagħmluH drawwa
u nnixxfuh mill-ġdid Tiegħu;
kull meta nagħmluH kultura
u nfaqqruH mill-essenza Tiegħu;
kull meta nagħmluH
okkażjoni ta' darba
u nimblukkawH
fl-imħabba li jrid jaqsam magħna
f'kull nifs li nieħdu;
kull meta npartuH
ma' espressjonijiet fqar li aħna noħolqu Tiegħu
u ma nippermettulux
li Huwa jkun dak li Hu.
Aħfrilna
u ġibna f'sensina mill-ġdid.

## Is-Sibt, 3 ta' Ottubru 2020

It-tnejn u sebgħin
li kienu mibgħutin minn Ġesù
reġgħu lura ferħana jgħidu:
"Mulej,
ix-xjaten ukoll joqogħdu għalina
minħabba f'ismek."
U hu qalilhom: "Iva, jien kont narah
lix-Xitan jaqa' bħal berqa mis-sema.
Araw, tajtkom is-setgħa
li tirfsu fuq sriep u skorpjuni
u li tegħlbu kull qawwa tal-għadu
u ebda ħsara ma jagħmlulkom.
Madankollu mhux b'dan ifirħu,
li l-ispirti joqogħdu għalikom,
imma ifirħu
għax għandkom isimkom
miktub fis-smewwiet."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 10, versi 17-20***

# 221

"Id-dixxipli li Ġesù jibgħat qablu jmorru lura għandu mimlijin ferħ, għax jagħmlu esperjenza tal-qawwa tal-Isem ta' Ġesù kontra l-ħażin. Dan Ġesù jikkonfermah: hu jagħti lil dawn d-dixxipli l-qawwa li jirbħu lill-ħażin. Imma jżid: 'Tifirħux għax ix-xjaten joqogħdu għalikom; ifirħu għax isimkom hu miktub fis-smewwiet.' M'għandniex niftaħru daqs li kieku aħna l-protagonisti: il-protagonist huwa wieħed waħdu, il-Mulej! Il-protagonista hija l-grazzja tal-Mulej! Hu l-uniku protagonista! U l-ferħ tagħna huwa biss dan: li nkunu d-dixxipli u ħbieb tiegħu."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 7 Lulju 2013

# ‘Le’ għall-protagoniżmu

*Lil Alla*
*nagħtiH il-glorja*
*li tistħoqqlu?*

*Jew nisraqhielu*
*kull meta*
*jkolli ċ-ċans?*

It-tajjeb, Mulej,
ma nagħmlux ħażin
meta nirrikonoxxuh,
meta nifirħu bih,
meta nitkellmu dwaru ma’ xulxin
bħala qsim tal-esperjenzi sbieħ
li aħna jkollna fl-għalqa tiegħek.
Imma Inti ma tridna qatt ninsew
li mhux aħna l-protagonisti
imma Inti;
li mingħajrek ma nistgħu nagħmlu xejn;
li aħna strumenti f’idejk.
Agħtina dan l-atteġġjament:
agħmel li nżommu postna,
u li ma naslu qatt biex nisirqu dik il-glorja
li hija tiegħek biss.